# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 522/2015/VG**

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Italtrade Limited [C-55819]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Lulju, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta ntimata thallasha s-somma ta' hames mija u hamsin euro u tlettax-il centezmi ta' euro [€550.13c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (€550.13) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40247770 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 – prospett ghall-akkont bin-numru A/C 40247770 u;
- Dok IZY2 – ftehim ghall-akkont bin-numru A/C 40247770;
- Dok IZY3 – estratt mir-Registru tal-Kumpaniji;
- Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-socjeta konvenuta giet nterpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjeta ntimata giet debitament notifikata fid-9 ta' Ottubru, 2015 u li baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti llum stess u li permezz taghha rriduciet l-ammont pretiz b'mitt euro (€100).

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, wara n-nota ta' riduzzjoni, u cioe l-ammont ta' erba' mija u hamsin euro u tlettax-il centezmu ta' euro (€450.13c) ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ra li Dr. Keith Grech ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' erba' mija u hamsin euro u tlettax-il centezmu ta' euro [€450.13c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40247770 moghtija minnha lill-intimata.

   Ikkunsidra;

2. Charmaine Psaila Wiffen, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti, kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti, hekk kif ridott bin-nota taghha tallum stess, u cioe l-ammont ta' erba' mija u hamsin euro u tlettax-il centezmu ta' euro [€450.13c] ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta ntimata.

   Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

   *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

   (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

   *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimata giet debitament notifikata fid-9 ta' Ottubru, 2015 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti, hekk kif ridotta bin-nota taghha tallum stess, u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ridotta ta' erba' mija u hamsin euro u tlettax-il centezmu ta' euro [€450.13c] bl-imghaxijiet kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali datata 13 ta' Marzu, 2014 (fol. 10), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tas-socjeta ntimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**